

Brussell, 17 ta' Diċembru 2025  
(OR. en)

16953/25

ENER 689  
ENV 1405  
TRANS 655  
ECOFIN 1764  
RECH 566  
DELECT 197

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

|                   |                                                                                                                                                                                                                                                                          |
|-------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur                                                                                                                                                                                |
| data meta waslet: | 16 ta' Diċembru 2025                                                                                                                                                                                                                                                     |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                                                                               |
| Nru dok. Cion:    | C(2025) 8723 final                                                                                                                                                                                                                                                       |
| Suġġett:          | REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'16.12.2025 li jemenda l-Anness III tad-Direttiva (UE) 2024/1275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-qafas tal-Unjoni għall-kalkolu nazzjonali tal-potenzjal ta' tisħin globali tul iċ-ċiklu tal-ħajja |

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 8723 final.

Mehmuż: C(2025) 8723 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 16.12.2025  
C(2025) 8723 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'16.12.2025**

**li jemenda l-Anness III tad-Direttiva (UE) 2024/1275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-qafas tal-Unjoni għall-kalkolu nazzjonali tal-potenzjal ta' tisħin globali tul iċ-ċiklu tal-ħajja**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Id-Direttiva (UE) 2024/1275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (riformulazzjoni) (imsejħa wkoll “id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija riformulata” jew l-“EPBD riformulata”) hija parti mill-pakkett tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2021 “Lesti għall-mira ta' 55 %”. Din tikkomplementa l-komponenti l-oħra tal-pakkett propost f'Lulju 2021<sup>1</sup> u tistabbilixxi l-viżjoni għall-kisba ta' stokk tal-bini b'emissjonijiet żero sal-2050. Kif diġà indikat fil-pjan ta' azzjoni dwar il-klima<sup>2</sup>, huwa strument leġiżlattiv ewlieni biex jintlaħqu l-oġettivi ta' dekarbonizzazzjoni tal-2030 u l-2050.

Id-Direttiva (UE) 2024/1275 tirrikonoxxi li l-bini huwa responsabbli għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra qabel, matul u wara l-ħajja operazzjonali tiegħu u tappella għad-dekarbonizzazzjoni tal-istokk tal-bini, li jmur lil hinn mill-enfasi kurrenti fuq l-emissjonijiet operazzjonali tal-gassijiet serra. Id-Direttiva (UE) 2024/1275 tirrikjedi li l-emissjonijiet kollha tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-bini jitqiesu progressivament, u għandna nibdew mill-bini ġdid.

Il-potenzjal ta' tisħin globali (GWP, global warming potential) tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-bini jindika l-kontribut ġenerali tal-bini għall-emissjonijiet li jwasslu għat-tibdil fil-klima. Dan jiġbor flimkien l-emissjonijiet tal-gassijiet serra inkorporati fil-prodotti għall-bini b'emissjonijiet diretti u indiretti mill-istadju tal-użu. Il-bini huwa bank materjali sinifikanti, peress li huwa repożitorju tar-riżorsi għal bosta deċennji. Il-kalkolu tal-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja għandu jinkoraġġixxi l-integrazzjoni ta' għażliet tad-disinn li jqisu kwistjonijiet relatati mal-klima u għażliet ta' metodi ta' kostruzzjoni u prodotti tal-kostruzzjoni li diġà jeżistu ħafna eżempji tajbin għalihom.

L-Artikolu 7(2) tad-Direttiva (UE) 2024/1275 jipprevedi li l-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja jrid jiġi kkalkulat f'konformità mal-Anness III u jrid jiġi żvelat permezz taċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-bini:

- (a) mill-1 ta' Jannar 2028, għall-bini l-ġdid kollu b'erja tal-art utli akbar minn 1 000 m<sup>2</sup>;
- (b) mill-1 ta' Jannar 2030 għall-bini l-ġdid kollu.

Skont l-Artikolu 7(3) ta' dik id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda l-Anness III biex tistabbilixxi qafas tal-Unjoni għall-kalkolu nazzjonali tal-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja bil-ħsieb li tinkiseb in-newtralità klimatika.

L-Artikolu 7(5) tad-Direttiva (UE) 2024/1275 jirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jfasslu pjanijiet direzzjonali nazzjonali sal-1 ta' Jannar 2027 li jagħtu dettalji dwar l-introduzzjoni ta' valuri limitu fuq il-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-bini l-ġdid kollu. Il-Kummissjoni adottat gwida dwar id-dispożizzjonijiet dwar il-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' bini ġdid fl-Artikolu 7(2) u (5) bħala parti minn sett ta' dokumenti ta' gwida dwar dispożizzjonijiet ġodda jew sostanzjalment modifikati tad-Direttiva (UE) 2024/1275.

---

<sup>1</sup> [Inwettqu l-Patt Ekoloġiku Ewropew – Il-Kummissjoni Ewropea](#)

<sup>2</sup> Il-Pjan dwar il-Mira Klimatika: It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna, COM/2020/562 final.

Skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva (UE) 2024/1275, il-fini ta' dan ir-regolament delegat huwa li jistabbilixxi qafas tal-Unjoni għall-kalkolu nazzjonali tal-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja, bil-ħsieb li r-riżultati jiġu żvelati fiċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-bini. Fir-rigward tal-istabbiliment ta' valuri limitu nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jirreferu għall-gwida dwar il-potenzjal ta' tisħin globali tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' bini ġdid, li tistabbilixxi li huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeterminaw l-ambitu tal-istadji taċ-ċiklu tal-ħajja jew il-moduli koperti mill-valuri limitu, u li l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeskludu ċerti partijiet tal-ambitu tal-komponenti tal-bini mill-ambitu tal-valur limitu.

Il-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja huwa rilevanti wkoll għal diversi dispożizzjonijiet oħra fid-Direttiva (UE) 2024/1275:

- l-Artikolu 6(2), l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva (UE) 2024/1275, li jsemmi li l-Istati Membri jistgħu jqisu l-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja meta jikkalkulaw il-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija;
- l-Artikolu 19(2), it-tieni subparagrafu, li jipprevedi li, għal bini eżistenti rinnovat għall-klassi A+, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja jiġi stmat u żvelat fiċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-bini;
- l-Anness II, li jistabbilixxi l-mudell għall-pjanijiet nazzjonali ta' rinnovazzjoni tal-bini msemmija fl-Artikolu 3, u li fih l-Istati Membri huma mistiedna jirrapportaw il-miri tagħhom għall-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja għall-bini ġdid u l-valur medju tiegħu;
- l-Anness V, il-punt 1, li jistabbilixxi li ċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għandu juri fuq il-paġna ta' quddiem tiegħu, il-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja, jekk disponibbli.

Ta' min jinnota li dan ir-regolament delegat jistabbilixxi qafas tal-Unjoni għall-kalkolu nazzjonali tal-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja biex jiġi kkalkolat il-GWP ta' bini ġdid biss. Fir-rigward ta' bini eżistenti li tkun qed issirli rinnovazzjoni, l-Istati Membri huma liberi li jadattaw il-metodoloġija bil-passi meħtieġa jew li jużaw il-metodu ta' kalkolu tagħhom stess, f'konformità mal-istandards rilevanti.

## **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

Biex tħejji dan ir-Regolament Delegat, il-Kummissjoni kkonsultat mar-rappreżentanti tal-Istati Membri f'diversi okkażjonijiet kif spjegat hawn taħt.

- Permezz ta' kwestjonarju lill-Istati Membri dwar il-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja, sabiex jinkiseb fehim aħjar tal-oqfsa nazzjonali eżistenti jew li qegħdin fil-proċess li jiġu żviluppati, u l-aspettattivi mir-Regolament Delegat. Il-kwestjonarju ġie ċċirkolat fil-31 ta' Ottubru 2024 u nġabar feedback bil-miktub.
- Permezz ta' laqgħat tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni "Ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija" (E03689):
  - fil-4 ta' Diċembru 2024, id-dokument "Dokument ta' Ħidma għall-Att Delegat li jistabbilixxi qafas tal-Unjoni għall-kalkolu nazzjonali tal-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja" ġie ċċirkolat qabel il-laqgħa, u nġabar feedback matul il-laqgħa u nġabru kummenti bil-miktub wara l-laqgħa;
  - fil-11 ta' Frar 2025, id-dokument "l-ewwel abbozz tal-Att Delegat li jistabbilixxi qafas tal-Unjoni għall-kalkolu nazzjonali tal-GWP tul iċ-

ċiklu tal-ħajja” ġie ċċirkolat qabel il-laqgħa, u nġabar feedback matul il-laqgħa u nġabru kummenti bil-miktub wara l-laqgħa;

- fis-7 ta’ April 2025, ġew ipprovduti aġġornamenti dwar id-dokument “abbozz raffinat tal-Att Delegat li jistabbilixxi qafas tal-Unjoni għall-kalkolu nazzjonali tal-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja, b’enfasi speċifika fuq l-użu tad-data mir-Regolament (UE) Nru 305/2011 u r-Regolament (UE) 2024/3110, ir-Regolamenti dwar il-Prodotti għall-Bini u saret diskussjoni dwar it-tip ta’ data li trid tintuża għall-kalkolu;
- fit-22 ta’ Mejju 2025, id-dokument “abbozz raffinat tal-Att Delegat li jistabbilixxi qafas tal-Unjoni għall-kalkolu nazzjonali tal-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja” ġie ċċirkolat qabel il-laqgħa, u nġabar feedback dwar id-dokument matul il-laqgħa u nġabru kummenti bil-miktub wara l-laqgħa;
- fit-23 ta’ Ottubru 2025, id-dokument “abbozz tal-Att Delegat li jistabbilixxi qafas tal-Unjoni għall-kalkolu nazzjonali tal-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja” ġie ċċirkolat qabel il-laqgħa. Abbażi tal-iskambju fil-laqgħa, saru xi modifiki fit-test. Il-grupp ta’ esperti ta opinjoni favorevoli b’konsensus għall-abbozz immodifikat.
- Permezz ta’ sessjonijiet iddedikati f’diversi sessjonijiet plenarji tal-Azzjoni Konċertata EPBD. Din hija inizjattiva konġunta bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni li tinvolti rappreżentanti tal-ministeri nazzjonali jew tal-istituzzjonijiet affiljati tagħhom li huma inkarigati mit-tħejjija tal-qafas tekniku, legali u amministrattiv għad-Direttiva (UE) 2024/1275 f’kull Stat Membru flimkien man-Norveġja (<https://www.ca-epbd.eu/>).

Il-partijiet ikkonċernati professjonali (l-assoċjazzjonijiet tal-industrija rilevanti, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, id-dinja akkademika u l-professjonisti fis-settur tal-bini u tal-enerġija, eċċ.) ġew ikkonsultati kif ġej.

- Fit-22 ta’ Ottubru 2024, ġie organizzat avveniment online dwar il-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja biex jinforma lill-partijiet ikkonċernati dwar ix-xogħol li qed isir u l-kunsiderazzjonijiet b’rabta mal-iżvilupp tal-Att Delegat. Matul il-laqgħa u wara l-laqgħa nġabar feedback permezz ta’ input bil-miktub u dokumenti ta’ pożizzjoni.
- Fil-21 ta’ Frar 2025, ġiet organizzata laqgħa online mal-partijiet ikkonċernati biex ikunu informati dwar il-ħidma u l-kunsiderazzjonijiet li għaddejjin b’rabta mal-iżvilupp tal-Att Delegat. Qabel il-laqgħa ġew iċċirkolati preżentazzjoni u sħarriġ. Matul il-laqgħa u wara l-laqgħa nġabar feedback b’mod speċjali permezz tal-istħarriġ.

L-abbozz tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni u tal-Annessi tiegħu ġew ippubblikati għal feedback mit-3 ta’ Ottubru 2025 sal-31 ta’ Ottubru 2025. Matul dan il-perjodu, ġew ippreżentati 116-il kontribut minn firxa varjata ta’ risponenti, li fosthom l-assoċjazzjonijiet tan-negozju u kumpaniji/negozji kienu l-aktar numerużi, u ammontaw għal 43 u 30 rispettivament, segwiti minn organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGO) (18).

B’mod ġenerali, ir-risponenti esprimew appoġġ għall-fajl. Ma ġiet identifikata l-ebda kwistjoni ewlenija. Il-feedback ġie kkunsidrat kif xieraq.

Abbażi tal-kummenti li waslu fil-portal Semma’ Leħnek u mill-Istati Membri, it-test ġie ffinalizzat u ċċirkolat lill-Grupp ta’ Esperti tal-Kummissjoni.

## **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

It-tnejn tar-Regolament Delegat u tal-Linji Gwida kif ukoll il-ġbir u l-analiżi tal-kontribut mill-partijiet ikkonċernati ġew appoġġati b'kuntratt ta' appoġġ tekniku speċifiku<sup>3</sup>.

### **3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT**

Sabiex jiġu indirizzati r-rekwiżiti l-ġodda introdotti fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva (UE) 2024/1275, ir-Regolament Delegat jistabbilixxi qafas tal-Unjoni għall-kalkolu nazzjonali tal-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja. Ir-Regolament Delegat jemenda u jissostitwixxi l-Anness III tad-Direttiva (UE) 2024/1275 u jipprovdi kjarifiki dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

- il-linja bażi tal-istandard għar-rekwiżiti tal-qafas;
- il-perjodu ta' studju ta' referenza għall-kalkolu tal-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja;
- id-data li trid tintuża għall-kalkolu tal-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja;
- id-definizzjoni tal-erja utli tal-art;
- l-ambitu tal-istadju taċ-ċiklu tal-ħajja;
- l-ambitu tal-komponenti tal-bini;
- ir-rapportar tar-riżultati, b'mod partikolari għaċ-ċertifikati tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija.

---

<sup>3</sup> Assistenza teknika għar-rapportar dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-bini. Talba għas-servizzi Nru ENER/B3/2023-305 fil-kuntest tal-kuntratt qafas ta' servizzi multipli ENER/2020/OP/0021 ENER/C3/2020-724 bil-ftuħ mill-ġdid tal-kompetizzjoni għal għarfien espert legali, tekniku u ekonomiku kwalifikat fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'16.12.2025

## li jemenda l-Anness III tad-Direttiva (UE) 2024/1275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-qafas tal-Unjoni għall-kalkolu nazzjonali tal-potenzjal ta' tisħin globali tul iċ-ċiklu tal-ħajja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2024/1275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija<sup>4</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(3) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva (UE) 2024/1275, l-Istati Membri jridu jiżguraw li l-potenzjal ta' tisħin globali (GWP) tul iċ-ċiklu tal-ħajja jiġi kkalkolat u żvelat fiċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ta' bini ġdid f'konformità mal-Anness III ta' dik id-Direttiva. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeskludu mill-obbligu li jikkalkulaw il-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja lill-kategoriji ta' bini li huma jeskludu mill-obbligu li jkollhom ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija skont l-Artikolu 20(6) ta' dik id-Direttiva.
- (2) Huwa meħtieġ qafas armonizzat tal-Unjoni għall-kalkolu nazzjonali tal-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja għas-settur tal-bini biex jipromwovi l-komparabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja madwar l-Unjoni, u b'hekk tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tal-impatt fuq il-klima ta' prodotti u attivitajiet differenti relatati mal-bini.
- (3) Jenħtieġ li qafas tal-Unjoni għall-kalkolu nazzjonali tal-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja jipprovdi metodoloġija u sett ta' regoli komuni, li jippermettu lill-Istati Membri jikkalkulaw l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja b'mod konsistenti u trasparenti, bil-ħsieb li r-riżultati jiġu żvelati fiċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-bini. Flimkien mad-dikjarazzjoni tal-effetti tat-tibdil fil-klima tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti tal-kostruzzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011<sup>5</sup> u r-Regolament (UE) 2024/3110<sup>6</sup> (ir-regolament applikabbli jiddependi fuq il-prodott tal-kostruzzjoni inkwistjoni), il-qafas tal-Unjoni jappoġġa l-ħolqien ta' swieq ewlenin

---

<sup>4</sup> ĠU L 2024/1275, 8.5.2024.

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/3110 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti għall-bini u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 (ĠU L, 2024/3110, 18.12.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/3110/oj>).

għal prodotti b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li jnaqqsu l-emissjonijiet kollha tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-bini. In-nuqqas ta' qafas bħal dan tal-Unjoni jista' jwassal għal inkonsistenzi u għal trattament mhux ugwali tal-operaturi ekonomiċi, li jimminaw l-effettività u l-koerenza tal-politiki tal-Unjoni dwar il-klima.

- (4) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u sabiex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal approċċ unifikat, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit qafas uniformi li jstabbilixxi prinċipji komuni għal għodod jew għal metodi nazzjonali eżistenti stabbiliti qabel l-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/1275 u għal għodod jew metodi li jiġu żviluppata fil-futur.
- (5) Il-qafas tal-Unjoni jenħtieġ li joffri ċertu livell ta' adattabilità, li jippermetti lill-Istati Membri jintegraw l-għodod jew il-metodi nazzjonali uffiċjali eżistenti tagħhom fl-approċċ unifikat il-ġdid, filwaqt li jiżgura li l-qafas ġenerali jibqa' konsistenti u jippromwovi l-komparabbiltà tar-riżultati madwar l-Unjoni.
- (6) Il-qafas tal-Unjoni għall-valutazzjoni tal-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja jenħtieġ li jinbena fuq standards u fuq metodoloġiji rikonoxxuti internazzjonalment, b'mod partikolari EN 15978 (EN 15978:2011 Sostenibbiltà tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Valutazzjoni tar-rendiment ambjentali tal-bini. Metodu ta' kalkolu) u jqis kwalunkwe standard sussegwenti relatat mas-sostenibbiltà tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u l-metodu ta' kalkolu għall-valutazzjoni tar-rendiment ambjentali tal-bini, filwaqt li jippromwovi l-ħżin tal-karbonju fil-bini jew fuqu, il-kostruzzjoni ta' bini li jservi fit-tul u l-ekonomija ċirkolari fil-kostruzzjoni inkluż l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' materjali u d-disinn għaż-żarmar. Il-qafas tal-Unjoni jenħtieġ li jqis ukoll l-inizjattivi eżistenti, inkluż il-qafas tal-Livell(i) komuni tal-UE għall-indikatur 1.2 u oqfsa nazzjonali uffiċjali, biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u biex tiġi żgurata l-konsistenza ma' għodod u ma' metodi nazzjonali eżistenti u ma' sforzi globali biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima.
- (7) Il-qafas tal-Unjoni jenħtieġ li jstabbilixxi ambitu uniformi tal-elementi tal-bini u tat-tagħmir tekniku, li jimminimizza l-ostakli tas-suq bejn l-Istati Membri u jiffaċilita l-fehim u t-tqabbil tar-riżultati, filwaqt li jippermetti wkoll l-identifikazzjoni tas-sorsi tal-emissjonijiet. Huwa meħtieġ livell ibbilanċjat ta' dettall fl-ambitu uniformi tal-elementi tal-bini u tat-tagħmir tekniku sabiex jinkisbu eżiti akkurati u komparabbli, peress li ġeneralità eċċessiva jew livelli differenti ta' dettall jistgħu jwasslu għal approċċi inkonsistenti u għal perċezzjonijiet inġusti tal-impatt ambjentali ta' proġetti u soluzzjonijiet differenti.
- (8) Sabiex jitnaqqsu b'mod effettiv l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu, jenħtieġ li l-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja jkun ikkalkolat jew stmat diġà fl-istadju tad-disinn, qabel ma tinbeda l-kostruzzjoni ta' binja, meta jkunu għadhom jistgħu jsiru bidliet fid-disinn tal-bini.
- (9) Ir-riżultati żvelati fiċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jenħtieġ li jirriflettu l-istadju tal-bini kif mibni, biex jiġi żgurat li l-emissjonijiet reali tal-gassijiet serra tal-bini komplut jiġu kkalkulati b'mod akkurat.
- (10) Sabiex jiġu żgurati l-akkuratezza u l-konsistenza fil-kalkoli tal-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja, l-erja utli tal-art użata fil-kalkoli jenħtieġ li tiġi ddefinita b'mod ċar, u b'hekk jiġi evitat il-potenzjal għal żoni b'impatt baxx li r-riżultat ġenerali tal-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja jitnaqqas b'mod artifiċjali. Għalhekk, jenħtieġ li l-qafas tal-Unjoni jkun jirrikjedi trasparenza fl-erjas tal-art użati fil-kalkolu billi jirrikjedi regoli nazzjonali li jqisu standards rikonoxxuti internazzjonalment, filwaqt li jippermetti lill-Istati Membri ċertu flessibbiltà biex jiddefinixxu l-erja utli tal-art fil-livell nazzjonali.

- (11) Sabiex jiġu żgurati l-akkuratezza u l-affidabbiltà tal-kalkolu tal-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja, jenħtieġ li tiġi stabbilita ġerarkija ċara tad-data tal-input ibbażata fuq il-kwalità u l-preċiżjoni tagħhom. Il-kalkolu tal-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja jenħtieġ li jagħti prijorità lill-użu ta' data maħruġa skont l-atti legali rilevanti tal-Unjoni, inkluż ir-Regolament (UE) 2024/3110, li jstabbilixxi regoli armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti għall-bini.
- (12) Fir-reġjuni ultraperiferiċi, skont it-tifsira tal-Artikolu 349 tat-TFUE, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jissimplifikaw il-kalkolu tal-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-bini billi jippermettu użu estiż ta' data prestabbilita f'dawk ir-reġjuni, biex titqies il-possibbiltà għal eżenzjoni rikonoxxuta mir-Regolament (UE) 2024/3110 applikabli għall-prodotti tal-bini mqiegħda fis-suq fir-reġjuni ultraperiferiċi.
- (13) Il-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-bini żvelat fiċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jenħtieġ li jiġi rrapportat f'format trasparenti, li mill-inqas juri r-riżultati għal kull stadju taċ-ċiklu tal-ħajja. Għal skopijiet oħra, inklużi l-kontroll u l-verifika u l-ġbir tad-data għall-iffissar u għall-aġġornament tal-valuri limitu fil-livell nazzjonali, l-Istati Membri huma mħeġġa jiġbru informazzjoni aktar dettaljata dwar il-GWP tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-bini.
- (14) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Direttiva (UE) 2024/1275 tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

L-Anness III tad-Direttiva (UE) 2024/1275 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 16.12.2025

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*